MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 960/2008

**John Mizzi**

**-vs-**

**Nazzareno u Maria Lourdes konjuġi Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2008 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi r-rikorrent John Mizzi huwa proprjetarju tal-fond bl-isem ta' Mizzi Woodworks fi Triq Bartilmew Attard, Żebbuġ, Malta (Dok A).

Illi l-intimati huma proprjetarji tal-fond bl-isem ta' Ave Maria Triq Bartilmew Attard, Żebbuġ, Malta, sovrastanti għal dak tar-rikorrenti. Illi l-intimati jew min minnhom qabdu u ħaffru ħofra fl-art tagħhom li jiġi s-saqaf tal-fond

tar-rikorrent u infilzaw katusa tad-drenaġġ fl-arja interna tal-istess fond tar-rikorrent.

Illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi spoll vjolenti, riċenti u klandestin kontra r-rikorrent.

Illi għalhekk interpellati sabiex ineħħu l-katusa u jirripristinaw is-saqaf tal-fond tar-rikorrent, l-intimati jew min minnhom baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1) Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom li kkommetta spoll vjolenti, riċenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti meta ħaffru l-art tal-fond tagħhom u infilzaw katusa tad-drenaġġ, fil-proprjeta' rispettiva fi Triq Bartilmew Attard, Żebbuġ, Malta.

2) Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ineħħi l-katusa u jerġgħu jagħlqu l-ħofra fil-proprjeta' tar-rikorrenti fi Triq Bartilmew Attard, Żebbuġ, Malta.

3) Tiffissa perjodu qasir u perentorju sabiex l-intimati jew min minnhom jagħmlu dak ix-xogħol neċessarju sabiex jiġi ripristinat is-saqaf tal-proprjeta' tar-rikorrent taħt is-superviżjoni ta' perit u arkitett ċivili nominandi.

4) Tawtorizża lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas tagħhom jagħmlu dak ix-xogħol ritenut neċessarju a spejjeż tal-istess intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati mil-lum inġunti għas-subizzjoni salv kull azzjoni spettanti kontra tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fl-24 ta' Novembru 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dan peress l-ebda spoll ma ġie kommess mill-konvenuti.

2. Illi wara diversi trattattivi mal-partijiet u l-periti rispettivi tal-partijiet, il-kontenduti laħqu ftehim sensibbli li l-konvenut kellu jtaqqab toqba u jgħaddi katusa, u dan peress illi dik qadima kienet kontra l-liġijiet sanitarji. Wara li ttaqqbet it-toqba u l-konvenut infilsa katusa fis-saqaf, l-attur kien pront informa lill-konvenut li ma kienx beħsiebu jagħtih aċċess ġol-*garage* tiegħu, tant li ma setax ikompli bix-xogħlijiet.

3. Illi l-għan ewlieni ta' din il-kontro-ordni da parti tal-attur kienet sabiex jilħaq jintlaħaq ftehim bejn iben il-konvenuti Darren Camilleri u l-istess attur li huma partijiet f'kawża ta' appalt u li l-istess attur jinsab tassew ħerqan illi jitransiġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2010 minn fejn jirriżulta li x-xogħlijiet ta' reintegrazzjoni saru mill-attur li rrinunzja għal kull kumpens li seta' kien dovut għal dawn ix-xogħlijiet u għalhekk il-mertu tal-kawża ġie eżawrit, iżda baqa' ma sarx ftehim fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta'April 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia ingħad din hija kawża ta' spoll wara li l-mertu tal-kawża ġie eżawrit. Għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi biss fuq il-kap tal-ispejjeż.

Illi matul il-kors tal-kawża rriżulta ċar li l-konvenut kienu fil-fatt għamel ix-xogħlijiet li minnhom ilmenta l-attur. Peress li l-Qorti għamlet ukoll aċċess fuq il-post ma hemm ebda dubju għaliha li meħud kif inhu, dawn ix-xogħlijiet kienu jammontaw għal spoll mill-aktar lampanti għaliex effettivament kif indikat fir-rikors promotur, ġiet infilzata katusa tad-drenaġġ fl-arja interna tal-fond tar-rikorrenti. Spoll aktar ċar minn hekk diffiċli wieħed jimmaġina.

Illi l-konvenut madankollu jsostni li dan sar għaliex il-kontendenti kienu ftehmu li jsiru dawn ix-xogħlijiet għaliex il-katusa li kien hemm qabel kienet kontra l-liġijiet sanitarji. Il-Qorti ma tarax kredibbli din il-verżjoni. Jekk kien hemm ftehim dan żgur ma kienx fis-sens li ftehmu jew li jrid lill-Qorti temmen li ftehmu, il-konvenut. Jirriżulta infatti mid-dokument a fol 32 tal-proċess li l-attur mill-ewwel oppona għal dawn ix-xogħlijiet tant li avża lill-konvenut li kien ser jagħmel rapport lill-Pulizija kif fil-fatt għamel. *Nonostante* dan il-konvenut xorta baqa' għaddej bix-xogħlijiet. Għalhekk ix-xogħol sar kontra r-rieda tal-attur u għalhekk l-ispoll ġie kommess. Ma hemm ebda eċċezzjoni li l-kawża saret tardivament.

Illi stabbilit dan il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol f'aktar konsiderazzjonijiet.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attriċi *stante* li l-mertu huwa issa eżawrit, tikkundanna lill-konvenut Camilleri jħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------